

32005R0222

11.2.2005

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

L 39/17

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 222/2005

ta' l-10 ta' Frar 2005

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1943/2003 f'dak li jirrigwarda r-rata ta' kambju applikabbli għall-implimentazzjoni ta' għajjnuna lill-gruppi ta' produtturi li ngħataw rikonoxximent preliminari fis-settur tal-frott u l-ħxejjex

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

applikata r-rata ta' kambju li tkun fis-seħħ fl-ewwel jum tal-perjodu li għalih tkun qiegħda tingħata l-għajjnuna.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

(3) Ir-Regolament (KE) Nru 1943/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u l-ħxejjex ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

(4) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Frott u l-Ħxejjex,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1943/2003 tat-3 ta' Novembru 2003 li jistabbilixxi r-regoli sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 rigward l-għajjnuna lill-gruppi tal-produtturi li huma konċessi l-għarfien preliminari ⁽²⁾ jiffissa l-parametri tal-kalkoli u l-ogħla limiti għall-għajjnuna previsti fl-Artikolu 14(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 2200/96. Dawn il-parametri u l-ogħla limiti mhumiex prezzijiet jew ammonti li jistgħu jingħataw jew jinġabru. Għaldaqstant, l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2799/98 tal-15 ta' Diċembru 1998 li jistabbilixxi arranġamenti agromonetarji għall-euro ⁽³⁾ ma japplikawx għalihom.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu 3 qiegħed hawn iżjed ma' l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1943/2003:

“3. Ir-rata ta' kambju applikabbli għall-ammonti feuro kif imsemmi fil-paragrafu 2 għandha tkun ir-rata li għet ippubblikata l-aħħar mill-Bank Ċentrali Ewropew qabel l-ewwel jum tal-perjodu li għalih tkun mogħtija l-għajjnuna kkonċernata.”

(2) Dawn il-parametri u l-limiti massimi japplikaw għal kull ħlas għall-għajjnuna kif imsemmi fil-punt (d) tal-ewwel sub-paragrafu tal-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KE) Nru 1943/2003. Biex jissarrfu fil-munita nazzjonali tal-Istati Membri mhux parteċipanti fl-ambitu tat-tifsira tal-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 2799/98, għandha tiġi

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Frar 2005.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membri tal-Kummissjoni

(1) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 47/2003 (ĠU L 7, 11.1.2003, p. 64).

(2) ĠU L 286, 4.11.2003, p. 5. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2113/2004 (ĠU L 366, 11.12.2004, p. 10).

(3) ĠU L 349, 24.12.1998, p. 1.